



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13143/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0222 (NLE)

WTO 286

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ
fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ¹ (“il-Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1947² u daħal fis-seħħ fit-22 ta’ Frar 2017.
- (2) Skont l-Artikolu 23.1.2 tal-Ftehim, il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ jeħtieġ li jistabbilixxi r-regoli ta’ proċedura tiegħu stess.
- (3) Skont l-Artikolu IV.6 tal-Ftehim ta’ Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, ir-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ huma soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kummerċ fil-Merkanzija.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f’isem l-Unjoni, fil-Kumitat dwar il-Kummerċ fil-Merkanzija, billi d-deċiżjoni prevista ser tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Huwa xieraq li jkun hemm qbil mar-regoli ta’ proċeduri proposti, li jippermettu lill-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ jopera b’mod effiċjenti. Dawn huma bbażati fuq ir-Regoli ta’ Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ b’aġġustamenti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 284, 30.10.2015, p. 4.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1947 tal-1 ta’ Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta’ Marrakexx li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 284, 30.10.2015, p. 1).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-laqgħa tal-Kunsill dwar il-Kummerċ fil-Merkanzija, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ, għandha tkun li tappoġġja l-adozzjoni ta' dawk ir-regoli, kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT DWAR IL-FASILITAZZJONI TAL-KUMMERĊ¹

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali (WT/L/161) jiġu applikati *mutatis mutandis* għal-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ, ħlief kif ġej:

Kapitolu I — Laqgħat

- (a) Ir-Regola 1 (tal-Kunsill Ġenerali) jenħtieġ li tiġi emendata f'konformità mal-paragrafu 1.2 tal-Artikolu 23 tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ biex tipprevedi li:

“Il-Kumitat għandu jiltaqa’ kif meħtieġ u previst mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ, iżda mhux anqas minn darba fis-sena.”

- (b) L-ewwel sentenza tar-Regola 2 jenħtieġ li tiġi emendata biex taqra kif ġej:

“Il-laqgħat tal-Kumitat għandhom jissejħu mid-Direttur Ġenerali permezz ta’ avviż li jinħareġ preferibbilment tliet ġimgħat, u fi kwalunkwe każ, mhux anqas minn 10 ijiem kalendarji, qabel id-data stabbilita għal-laqgħa.”

¹ Abbażi tal-Komunikazzjoni mill-Arġentina, mill-Ġappun, min-Norveġja u mill-Paragwaj (G/TFA/W/14).

Kapitolu II — Aġenda

- (c) Ir-Regola 5 jenħtieġ li ma tiġix applikata¹.
- (d) Ir-Regola 11 jenħtieġ li tiġi mmodifikata biex taqra kif ġejj:

“Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet intergovernattivi internazzjonali jistgħu jattendu l-laqgħat bħala osservaturi fuq l-istedina tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ skont il-linji gwida fl-Anness 3 għar-Regoli tal-Kunsill Ġenerali.

Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 23:1:5 tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ, il-Kumitat jista' jistieden lir-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra b'kompetenza fil-qasam tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ jew lill-korpi sussidjarji tagħhom biex:

- (a) jattendu l-laqgħat tal-Kumitat; u
- (b) jiddiskutu kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.”

¹ It-tnejnija biżżejjed u t-tqassim tal-aġenda huma ggarantiti mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ġenerali permezz tar-Regoli 2, 3 u 6.

Kapitolu V — Uffiċjali

- (e) Ir-Regoli 12, 13 u 14 jenħtieġ li jiġu emendati biex jawtorizzaw lill-Kumitat jeleġġi Viċi President. Għaldaqstant, ir-Regoli 12, 13 u 14 jenħtieġ li jaqraw kif ġej:

“Ir-Regola 12. Il-Kumitat għandu jeleġġi President¹ u jista’ jeleġġi Viċi President minn fost ir-rappreżentanti tal-Membri. L-elezzjoni għandha sseħħ fl-ewwel laqgħa tas-sena u għandu jkollha effett fi tmiem il-laqgħa. Il-President u l-Viċi President għandhom iżommu l-kariga sa tmiem l-ewwel laqgħa tas-sena ta’ wara.

Ir-Regola 13. Jekk il-President ikun assenti għal xi laqgħa jew parti minnha, il-Viċi President għandu jwettaq il-funzjonijiet tal-President. Jekk l-ebda Viċi President ma jkun ġie elett jew jekk il-Viċi President ma jkunx preżenti, il-Kumitat għandu jeleġġi President *interim* għal dik il-laqgħa jew għal dik il-parti tal-laqgħa.

Ir-Regola 14. Jekk il-Viċi President ma jkunx jista’ jibqa’ jwettaq id-doveri tal-kariga, il-Kumitat għandu jaħtar il-Viċi President imsemmi fir-Regola 12 jew, jekk l-ebda Viċi President ma jkun ġie elett, għandu jeleġġi President interim biex iwettaq dawk id-doveri sakemm issir elezzjoni ta’ President ġdid.”

¹ Il-Kumitat għandu japplika l-linji gwida rilevanti li jinsabu fil-“Guidelines for Appointment of Officers to WTO Bodies” (Il-Linji Gwida għall-Ħatra tal-Uffiċjali fil-Korpi tad-WTO) (WT/L/31, bid-data tas-7 ta’ Frar 1995).

Kapitolu VI — Tmexxija tal-proċeduri

- (f) L-ewwel sentenza tar-Regola 24 jenħtieġ li tiġi emendata biex taqra kif ġej:

“Sabiex tiġi tiffirmita l-temexxija tal-proċeduri, il-President jista’ jistieden lir-rappreżentanti li jixtiequ jesprimu l-appoġġ tagħhom għal proposta partikolari biex jgħollu jdejhom, sabiex jitniżżlu kif dovut fir-rekords bħala dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ”

Kapitolu VII — Teħid ta’ Deċiżjonijiet

- (g) Ir-Regola 33 jenħtieġ li tiġi emendata biex taqra kif ġej:

“Fil-każijiet li fihom ma tkunx tista’ tintlaħaq deċiżjoni b’kunsens, il-kwistjoni kkonċernata għandha tiġi riferuta lill-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija.”

- (h) Ir-Regola 34 jenħtieġ li ma tapplikax.
